Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 193

Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2011

# Erbgħin modd qamħ għal Għawdex

**Id-dokument numru mija u tlieta u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi konferma ġuramentata tad-dħul ta' erbgħin salma qamħ fl-imħażen tal-Università fiċ-Ċittadella f'Mejju ta' erba' mit sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 30r (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 30r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ewwel silta tad-dokument:

> *Thomatio Santa Aghata magazinero presente, dice con iuramento haver havuto e recevuto dalli Signori Iurati presenti, salmi quaranta di frumento a' misura di Malta; e così furono...*

L-Università kienet tagħżel bħala maħżnier lil dik il-persuna li kienet titlob l-inqas kummissjoni fuq l-amministrazzjoni tal-imħażen u l-bejgħ tal-qamħ. Il-kummissjoni kienet titħallas fuq kull *salma* qmuħ li tinbiegħ. Nafu minn dokumenti oħra li, erba' mit sena ilu, l-imħażen tal-qamħ kienu fl-inħawi ta' Triq Bieb l-Imdina, taħt ir-riħ tal-Kavallier ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella.

Il-maħnżier tal-Università erba' mit sena ilu kien Thomatio Santa Aghata, persuna b'kunjom tipikament Sqalli. Nhar il-10 ta' Mejju 1611, hu deher quddiem il-ġurati tal- Università u għamel dikjarazzjoni ġuramentata li fl-imħażen li kienu taħt il-ħarsien tiegħu kienu twasslu erbgħin salma qamħ kejl ta' Malta.

Is-*salma* ta' Malta, li bil-Malti tingħad *modd*, kien fiha 16-il tomna; kull tomna kien fiha 0.2909 metru kubi. Dan ifisser li salma kien fiha 4.65 metri kubi. Erbgħin modd kienet għalhekk kwantità kbira. Għawdex kien jitkabbar ħafna qamħ; dan kien iservi kemm għan-nies kif ukoll biex jitimgħu lill-bhejjem. Il-produzzjoni lokali mhux dejjem kienet tkun biżżejjed u, minn żmien għal żmien, kien ikellhom jimpurtaw il-qamħ minn Malta jew minn Sqallija.

L-ispiża biex tinġieb kwantità kbira ta' qamħ minn Malta kienet titla' ħafna. Wara r-reġistrazzjoni tal-ġurament, tibda l-lista tal-ispejjeż involuti. Ġewwa Malta ried jitħallas l-ewwelnett il-piżatur li kejjel il-qamħ u l-burdnara li ġarrew il-qamħ u r-*risicatura* mill-imħazen sal-Port. Ir-*risicatura* mill-Isqalli *risca* tirreferi għat-tiben, il-parti li tibqa' meta jisserraw il-biċċa ta' fuq tal-qatta tal-qamħ. Dan kien jintuża għall-imtieraħ.

Saru wkoll spejjeż biex il-qamħ u t-tiben jinġarru bid-dgħajjes minn Malta għal Għawdex. Għawdex il-piż tal-qamħ kien kontrollat mill-ġdid minn piżatur ieħor. Numru ta' burdnara tellgħuh mill-Port tal-Imġarr saċ-Ċittadella.

Riedu jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż kollha l-Għawdxin li, jridu u ma jridux, kien ikellhom jixtru l-qamħ għall-ħobż.